# Parroċċa
# Qalb Bla Tebgħa Ta' Marija
# BURMARRAD

**Tel: 21573045/ Fax:21578118**
**www. parroċċaburmarrad.com**
**email:kappillan@parroċċaburmarrad.com**

## *LEĦEN IL-PARROĊĊA - Marzu 2011 - NRU. 342*

Il-Paci Magħkom

Il-Kelma ta' Alla li naqraw bħalissa hija l-ħajja pubblika ta' Ġesu', Il-kliem Tiegħu mhux faċli anzi trid tkun attent sewwa biex tifhmu għaliex il-mod tiegħu huwa kemm ta' mħabba imma fl-istess ħin ta' twissija.

Sejrin nibdew naħsbu għall-festa kbira tal-Knisja, **l-Għid Imqaddes**. Imma qabel għandna żmien ta' riflessjoni fejn nirriflettu mhux biss fuq il-ħajja ta' Sidna Gesu' Kristu imma ukoll permezz tiegħu nkunu nistgħu nirriflettu fuq il-ħajja tagħna. U huwa hawn is-sabiħ li Alla bagħtilna fid-dinja lil Ibnu biex aħ na jkollna eżempju ċar tal-ħajja tagħna. Huwa ġie fid-dinja biex jagħtina l-imħ abba, jurina kif nistgħu ngħixu kuntenti, inkunu sempliċi, nies ta' qalb tajba, nies ta' karità kif ukoll inkunu umli fil-ħajja tagħna ta' kuljum. Jekk aħna kapaċi nippratikaw dawn l-affarijiet allura nkunu qegħdin ngħixu l-ħajja nisranija tagħ na. Tajjeb li ma jiġrilniex bħal ma ġralu ż-żagħżugħ għani. Kien jgħix tajjeb. Ħ aġa waħda kien baqagħlu, u meta staqsa lil Ġesù x'għandu jagħmel u Ġesù bis-sempliċità kollha qallu, iż-żagħżugħ dawwar wiċċu u telaq imdejjaq.

Għeżież, ħafna drabi nagħmlu l-istess, fil-fond ta' qalbna ngħidu iva irrid nimxi wara Gesu' u hemm ir-rieda ukoll, imma fil-ħajja tagħna għandna ħafna affarijiet li jorbtuna magħhom, jagħmluna tagħhom. F'kelma waħda ma jħ alluniex liberi biex aħna nkunu nistgħu ningħataw kompletament lil Gesu'. X'nagħmel tgħid biex nasal għal dan kollu? Ħaġa waħda għeżież, it-Talb u s-Sagramenti fil-ħajja tagħna jridu jkunu kostanti u mhux meta għandi bżonn biss jew meta ifettilli.

Biex jgħinuna naslu għal dawn il-mumenti ta' intimita' ma Ġesu' jsiru ħ afna attivitajiet Spiritwali fil-parroċċa, u dawn qed isiru għalik biex inti tikber iżjed spiritwalment, biex inti tgħin iżjed lilek innifsek tgħix ħajja tajba. Il-kummisjonijiet qed jagħmlu minn kollox biex iwaslu din l-imħabba ta' Kristu imma l-iżjed biex iressquk lejn Kristu. Int fejn qed tkun? Għalxejn tgerger li l-affarijiet fil-ħajja tiegħek mhux ġejjin sewwa. X'qegħdin nagħmlu fil-ħajja, jew sirna passivi u ma jkollna aptit ta' xejn. Nistiednek biex tipparteċipa, issa li ġej żmien fejn ikun hawn l-eżerċizzi, u mumenti liturġiċi sbieħ. Dawn l-attivitajiet isiru għalikom biex tkomplu tikbru iżjed fl-imħabba ta' Alla.

P. Donald. M. Bellizzi OFM. Conv - Kappillan

# San Tumas More

Ir-Re Enriku V111 ried id-divorzju minn ma' l-ewwel mara tieghu Katarina t'Aragona, li ma kinietx tatu tifel bhala eredi ghat-tron. Il-Papa Klement V11 irrifjuta li jholl iz-zwieg. Ir-Re kompla jithabat biex jikkonvinci lil Papa, u meta l-Papa baqa' ma cediex, Enriku ddecieda li jinfired minn ma' Ruma u jiddikjara lilu nnifsu l-Kap tal-Knisja gdida Anglikana, li mill-ewwel tatu d-divorzju li kien ilu jitlob.

Il-Kancillier tar-Re f'dan iz-zmien imqalleb kien Tumas More, avukat, filosfu, kittieb, diplomatiku, konsulent, politiku, u fuq kollox, bniedem onest u ta' fidi kbira. Tumas More dejjem kien lejali lejn ir-Re u dejjem hadem ghall-gid ta' l-Ingilterra, izda hawnhekk, ta' bniedem ta' principju li kien, irrezenja minn Kancillier u tilef il-poteri kollha li kellu.

F'kelma wahda, issogra kollox. Ir-Re Enriku pprova jbezzghu u jheddu b'diversi modi biex forsi jaccetta l-ligijiet il-godda, imma Tumas zamm sod, anki meta sakkruh fit-Torri ta' Londra u ttorturawh.

Fost dawk li marru jippruvaw jikkonvincuh halli jahsibha sew kien hemm ukoll il-mara tieghu. Hi fakkritu fit-tfal, fil-familja u fil-pozizzjoni li kellu.

Huwa qalilha – *"Naghtu kaz li jiena naghmel dak li qed tghidli inti, kemm nista' nghix u ngawdi l-favuri tar-Re tieghi?"*
*"Min jaf, forsi tghix tletin, erbghin sena ohra,"* wegbitu l-mara.

More kien pront wegibha: *"Ma tarax, ghal daqshekk ftit snin, se nissogra l-eternita'? U biex naghti pjacir lir-Re se nitlef il-grazzja ta' Alla?"*

Martu fehmet il-punt u qaltlu: *"Ahna warajk Thomas. Ghandek ragun. Mur tibzax. Alla jahseb fina."*

Fl-ahhar ghaddewh guri mimli qerq u gideb, u akkuzawh bi tradiment. Sabuh hati u qabel inqatghet is-sentenza, More qam u tkellem. Huwa spjega illi qatt ma seta' jaccetta lir-Re Enriku bhala l-Kap tal-Knisja, ghax din is-

setgha *"Gesu' Kristu, is-Salvatur taghna, waqt li ghex f'din id-dinja, taha b'fommu stess lil San Pietru u lill-Isqfijiet ta' Ruma"* u temm billi qal *li "l-ebda ligi ma tista' tobbliga lill-ebda nisrani biex joqghod ghal dan."*

Qabel inghata l-mewt huwa lissen dawn l-ahhar kelmiet *"Jiena qaddej fidil tar-Re, imma l-ewwel ta' Alla."*

F'Westminster Hall, Tumas More hareg jiddefendi b'kuragg kbir l-awtorita' tal-Papa, l-Isqof ta' Ruma. F'Ottubru tal-2010, ragel anzjan, umli u gharef, li huwa l-Isqof ta' Ruma, Benedittu XV1, dahal f'Westminster Hall. Fil-prezenza tal-politici u gudikatura Ingliza, huwa fahhar lil qaddis martri San Tumas More ghall-integrita' kbira li biha mexa mal-kuxjenza.

Kemm huma ta' l-ghageb il-moghdijiet tal-Mulej! Hames sekli ilu, Tumas More kien wahdu f'dik is-sala jiddefendi lill-Isqof ta' Ruma. Hames sekli wara, l-Isqof ta' Ruma mar fl-istess post u ddefenda lil dan il-qaddis martri, ammirat kemm mill-Kattolici u kemm minn dawk li m'humiex.



# Kalendar

**Il-Ħamis 3**: Adorazzjoni fis-seminarju tal-Virtu'

**Is-Sibt 5:** Adorazzjoni fil-Parroċċa b'riparazjoni għall-offizi lill-Qalb ta' Gesu' u Marija fil-5.00pm

**It-Tnejn 7:** **Hike għat tfal tal-parroċċa.** Fit-8.30am ikolna quddiesa u wara Hike. Min ma waslitlux il-formula jieħu waħda mis-sagristija, fejn hemm spjegat ukoll l-eta' tat-tfal.

**It-Tlieta 8**: **Party tal-Karnival għat-tfal**, fiċ-Ċentru Parrokjali Sant Antnin.

**L-Erbgħa 9**: **L-Erbgħa ta' Irmied**, Fil-Quddies ikun amministrat it-tqiegħid tal- Irmied. Huwa ukoll obligu ta' sawm u astinenza. Wara l-quddiesa ikun hemm il-Lectio Divina.

**Il-Gimgħa 10:** L-Aħħar laqgħa fuq il-Kmandamenti minn P. Joe Butigieg. Din issir fl-4.30pm fil-Knisja

.

**Il-Ħadd 13:** **L-Ewwel Ħadd tar-Randan Imqaddes**. Nofs ta' nhar irtir. Dan sejjer issir fil-Kappella tal-Lunziata fis-salina fid-9.00am. Inħeggeg biex nattendu għal dan il-waqt ta' preparazzjoni kemm għal-Randan kif ukoll għal festi kollha tal-Għid.

**It-Tlieta 15**: Ruzarju u Adorazzjoni tal-Ħniena Divina fil- knisja fil 5.00pm.

**L-Erbgħa 16**: L-ewwel Qrara għat tfal li sejrin jagħmlu L-Ewwel Tqarbina din is-sena. Il-ħin huwa 4.30pm fiċ-Ċentru Parrokjali Sant Antnin. Huma mitluba li jiġu l-ġenituri ukoll għal dan il waqt hekk sabiħ għal uliedhom.

**Il-Gimgħa 18:** Ezerċizzi b'differenza għaż-żgħażagħ. Dawn sejrin isiru fiċ-Ċentru Parrokjali Sant Antnin fit-8.30pm. Tmexxi Mrs Dorothy Singh flimkien ma "Community Theatre Drama Centre". Nistieden liż-żgħażagħ biex jattendu.

**Il-Ħadd 20:** Via Sagra fuq l-għolja tas-Siġġiewi. Ħin fis-2.30pm. Wara nibqgħu sejrin niħdu xi ħaga.

**Il-Gimgħa 25**: Ezerċizzi b'differenza għaż-żgħażgħ. dawn sejrin issiru fiċ-ċentru parrokjali Sant Antnin fit-8.30pm. Imexxi P. Ray Frankalanza.

**Is-Sibt 26:** Pasta Night fiċ-Ċentru wara l-quddiesa ta' filghaxija.

.

## Mit-Tnejn 28 ta' Marzu sal-Ġimgħa l-1 ta' April

**Eżerċizzi għal-Mizzewġin. Jipriedka P. Martin Coleiro. Isiru fil-Knisja parrokjali. Il-Quddiesa din il-Gimgħa tkun fis-6.30pm u mhux fis-6.15pm għaliex sejra tiġi imxandra fuq Radju Marija. Wara l-quddiesa jibdew l-ezerċizzi li wkoll sejrin ikunu imxandra fuq radju Marija**

# ID-DIVORZJU



Bħalissa f'Malta għaddejja diskussjoni fuq id-divorzju, hija diskussjoni li kull min jieħu sehem fiha jrid ikun jaf fuqhiex qiegħed jitkellem. Meta nitkellmu fuq Malta qegħdin nitkellmu fuq pajjiż li għandu kultura, drawwiet u storja.

L-Istorja tal-Poplu Malti ħadet xejra kristjana bil-miġja ta' San Pawl f'Malta u tana l-fidi f'Ġesu' Kristu. It-tagħlim nisrani jgħallimna li ż-żwieg qatt ma jista' jinħall u jibqa għal dejjem quddiem Alla. Hemm min qiegħed idaħlilna idejat ġodda fuq iż-żwieg. L-ewwel li qed nisimgħu hi li l-Knisja ma tħossx għal dawk il-koppji li jinsabu fi tbatija fiż-żwieg tagħhom. Imma dan hu wisq il-bogħod mill-verita'. Il-Knisja tħoss għal dawk li għaddejjin minn mumenti ta' tbatija, imma ma tridx tqarraq bihom għalhekk tibqa turi li d-divorzju mhux is-soluzzjoni. L-ewwelnett għax qalilna Kristu nnifsu u t-tieni għax minn pajjiżi oħra naraw li d-divorzju ma solva xejn imma aktar iggrava s-sitwazzjoni kemm tal-koppji u kemm tas-soċjeta. Kull ma trid tagħmel huwa li tfittex ftit l-istatistiċi u ssib li fejn daħal id-divorzju naqas iż-żwieg u żdied il-koabitazzjoni. Hemm min jgħidlek li aħna biss ma daħħalniex id-divorzju, mela għax daħħluh ħaddieħor għandna nagħmlu bħalhom; veru mela li għadna bil-mentalita kolonjali u m'aħniex kapaċi nżommu l-prinċipji tagħna. Nisimgħu fuq il-media li l-imħabba tista tmut.



Quddiem Alla le l-imħabba ma tmut qatt u jekk aħna nemmnu u nittammaw imbagħad nikbru bl-imħabba.

Aħna dejjem tletin sena wara pajjiżi oħra, fejn pajjiżi oħra qegħdin jaraw kif se jsewwgħu t-tħarbit li ġabu bid-divorzju aħna qed niddiskutu biex jidhol id-divorzju.

# Rokna għat-Tfal - Marzu

Ħellow tfal!

Reġa' wasal xahar ieħor u b'hekk qed nerġgħu niltaqgħu f'din ir-rokna ddedikata apposta għalikom it-tfal. Dan ix-xahar ukoll ser ngħidilkom storja qasira oħra. Darba waħda kien hemm in-nannu Ninu li kien qed jirrakkonta lil Timmy, li hu n-neputi tiegħu, dwar il-battalja li jkun hemm ġo kull bniedem. ''Ibni,'' qal ix-xwejjaħ, ''Il-battalja hija bejn żewġt ilpup li hemm ġo kull wieħed u waħda minna.'' Wieħed minn dawn l-ilpup jismu **ĦAŻEN**. Dan huwa r-rabja, l-għira, id-dwejjaq, il-ġlied, il-mibegħda, il-gideb, l-egoiżmu u n-nuqqas ta' paċenzja.

Il-lupu l-ieħor huwa t-**TJUBIJA**. Dan huwa l-ferħ, il-paċi, l-imħabba, it-tama, is-serenita', il-ħbiberija, il-ħniena, is-smigħ, il-ġenerożita', il-verita', il-fidi. Timmy qagħad jaħseb ftit fuq dak li kien qallu n-nannu Ninu u mbagħad staqsa, ''Liema lupu jirbaħ f'din il-battalja?''

L-anzjan wieġeb bla tlaqliq, 'Dak il-lupu li int l-aktar tagħtih jiekol…''

Wara din l-istorja tajjeb li nirriflettu ftit aħna wkoll bħal ma għamel Timmy. Tajjeb insaqsu lilna nfusna, aħna liema lupu qed nitimgħu l-aktar? Dak li jismu Ħażen jew dak il-lupu li jismu Tjubija? Tfal, f'dan ix-xahar ser jibda r-Randan u għalhekk tajjeb biex jekk forsi bla ma taf qed titma' lill-Ħażen tara fejn tista' tirranġa. Tagħmel sagrifiċċju u tkun dejjem ta' eżempju tajjeb lejn ħaddieħor u tibda turi aktar dak il-lupu li jismu Tjubija. Kemm hu sabiħ li dejjem nuru ferħ, paċi, imħabba u tama lejn xulxin. Għandna nuru wkoll ħbiberija, ħniena, verita' u nkunu onesti ma' xulxin. Importanti li nkunu minn ta' quddiem biex nuru ġenerożita lejn xulxin. B'hekk minbarra li Ġesu' jieħu gost bina, kulħadd jieħu pjaċir bikom.



Tfal, nawguralkom! U j'alla dejjem ikollkom il-lupu tat-Tjubija magħkom.

Marie Claire

# Tajjeb Tkun Taf

- Qegħdin naħsbu li fiċ-ċentru parrokjali Sant Antnin nagħmlu Lending Library speċjalment għas-sajf ħalli t- tfal ikunu jistgħu ikompli jaqraw. Għalhekk min għandu xi kotba u li huma fi stat tajjeb biex aħna ngħamluhom f'din il librerija jistgħu jgħadduhom lill-Kappillan.
- Għandna ħsieb li nagħmlu fjuretti għal fuq l-artal maġġur. Għalhekk għandna bżonn għajnuna ta' persuni li lesti jaħdmu il-monastier. Dan ix-xogħol huwa bħal kuruna li diga saret mal-istatwa titular. Min huwa interessat li jgħinna ikellem lill-Kappillan anke dawk li ma jafux jaħdmu, aħna nkunu nistgħu nuruhom kif jinħadem dan ix-xogħol. Nistenna li jkun hawn min jieħu dan l-interess. Dan tkunu qegħdin tagħmluh għall-parroċċa tagħkom.
- Dalwaqt reġgħet waslet il-Ġimgħa l-Kbira, u bħas-soltu isir il -peagent tal-passjoni . Dawk li huma interessati li jieħdu sehem jistgħu ikelllmu lil-Kappillan.
- Din is-sena sejrin nagħmlu l-mejda tal- Appostli, u kif tafu jinħadmu platti jew bir-ross jew bis-smid. Aħna sejrin naħdmuhom bis-smid. Min huwa interessat li jkun jaf kif jinħadmu dawn il-platti ikellem lill-Kappillan.
- Mill-4 sat-8 ta' April sejrin isiru l-eżerċizzi għall-kulħadd fil-knisja minn Fr Roy Galdes.
- L-eżerċizzi għat-tfal sejrin isiru bejn 4 ta' April u 8 ta' April fil -ħin tad-duttrina. Se jkunu imqassmin hekk:
  4 - 5 t'April: dawk li għandhom 9 – 10- 11 il-sena:
  6 – 7 t'April dawk li għandhom 5, 6, 7, 8 snin. Dawn se jsiru fiċ-ċentru parrokjali Sant Antnin. Il-Ġimgħa mbagħad ikunu kollha f'daqqa għaliex issir il-quddiesa dejjem fiċ-ċentru.
- L-eżerċizzi għaż-żgħażagħ jsiru tlett darbiet dejjem il-Ġimgħa filgħaxija fit-8.30pm. L-Ewwel waħda fit-18 ta' Marzu – 25 ta' Marzu u 1 ta' April dejjem fiċ-ċentru parokkjali.
- Il-Ħin tal-Quddiesa din is-sena mhux se jaqleb bħas-soltu kif naqilbu is-siegħa fl-aħħar Ħadd ta' Marzu imma sejjer jinbidel fit-3 ta' April. Dik il-Ġimgħa jkun ħawn l-Eżerċizzi tal -Miżżewġin li se jkunu imxandra fuq-Radju Marija.